**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021**

**<u>Rikors nru: 137/2021 AGV ;</u>**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 8 ta' April 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Ill hija zzewwget lil- intimat CD fit- 22 ta' Mejju 1999, fi-Knisja ta' St. Agatha, Rabat u z-zwieg ta' dina l-kopja gie registrata fir-registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv : 650 /1999 ( certifkat taz-zwieg anness mmarkat Dok A);

2. Illi l-parijiet xoljew u likwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood fit- 30 ta' Novembru 2012 (kopja tal-kuntratt tas-seperazzjoni Dok. B);
3. Illi l-partijiet ma kellhomx ulied minn daz-zwieg.
4. Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-seperazzjoni u ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Illi jikkonkorru il-kritjerji kollha rikjesti mil-ligi ghal hall taz-zwieg ghad-divorzju tal-partijiet.

**Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti Maria Vassallo, umilment titlob lil din Onorabbli Qorti sabiex;**

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha minn ma' CD, hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi, u
2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tlieta 25 ta' Mejju 2021, fejn deher il-konvenut li ddikjara li mhux qed joggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**